**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

**10, ta' Marzu 2021**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 22.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kulħadd kien preżenti, għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

22.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 22.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

22.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

22.4.1 Is-Sindku qal li l-gimgħa l-oħra kien hemm aċċident ikrah li beda fi Triq Abate Rigord u kompla fi Triq ix-Xatt in-naħa tal-Mamma Mia. Huwa spjega li kien hemm sewwieq nieżel mit-triq b'velocita' qawwija, tilef il-kontroll tal-karozza u kaxkar miegħu ħames karozzi li minnhom spiccaw total lost. Dan mhux l-ewwel aċċident li sar għaldaqstant jissuggerixxi li nagħmlu xi traffic calmers biex b'hekk innaqqsu l-periklu u nevitaw li fl-aħħar jweġġa xi ħadd. Huwa qal li kien hemm anke residenti fejn ikkuntatjawh biex jsir xi ħaġa.

Il-Kunsill qabel li nkellmu lill-Perit tal-Infrastructure Malta mmedjatament biex jissuġġerixxielna x'inhu l-aħjar li jsir u li tkun bil-permess tat-Transport Malta.

22.4.2 Is-Sindku qal li d-Dipartiment kienu qalulna li jrid jkolna Data Protection Officer (DPO). Huwa qal li dak iż-żmien is-Sinjura Anna Micallef kienet aċċettat li sservi bhala DPO. Is-Sindku qal li peress li se nagħmlu xi cameras se jkollha iktar responsabilita' u rrid jsir xi rapport ukoll. Għaldaqstant qed jissuġġerixxi li nqabdu lil xi ħadd kwalifikat u neħħu r-responsabilita' minn fuq s-Sinjura Anna Micallef.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ġab xi kwotazzjonijiet biex ikollna DPO. Il-Kunsilliera Louise Cachia

Castelletti saqsiet hekk nistgħux nissieħbu ma Kunsilli oħra.

Il-Kunsill qabel li se nieħdu xi pariri mingħand kunsilli oħra u naraw jekk hemmx minnhom li huma interessati li nissieħbu magħhom u nerġgħu nitkelmuha.

22.4.3 Is-Sindku qal li nħarġet skema mid-Dipartiment għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Huwa informa lill-Kunsill li din hija bhal l-iskema li l-Kunsill kien ha fondi fuq bażi ta' 3 snin li skadiet is-sena l-oħra. Għaldaqstant issuġġerixxa li nerġgħu napplikaw għal attivta' ta' Connecting Through Culture. Huwa qal li minħabba l-miżuri qed jinbidlu frekwenti minħabba l-Covid-19 jekk ma jirnexilniex intellaw l-attivta' bħas-snin ta' qabel, nistgħu nittrażmettuwha fuq social media.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 22.5 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

22.5.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet jekk it-timers tad-dawl tax-xatt ġewx irranġati.

Is-Sindku ikkonferma li rranġaw it-timers is-Sibt li għadda.

## 22.6 Financial Statements;

22.6.1 L-Accountant Pierre Mangion ipprepara l-*Financial Statements* tas-sena 2020**.** Huwa irrimarka li għal sena oħra, il-Kunsill għamel surplus ta' €29,000. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa jinsab kuntent bil-miljorament li qed jagħmel il-Kunsill fejn jidħlu finanzi. Is-Sindku Max Zammit ippropona l-approvazzjoni tad-dokumenti kif ippreżentat. Il-Kunsiller Eugenio Muscat issekonda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

22.6.2 Is-Sindku qal li flimkien mal-kunsilliera preċedenti u preżenti f'dawn l-aħħar 8 snin rnexxielhom jagħmlu diversi proġetti u investimenti. Huwa qal li huwa sodisfatt ħafna li mill-aspett finanzjarju wara dawn il-proġetti u investimenti xorta bqajna bl-istess finanzi fil-kont bankarju tal-kunsill meta mqabbel ma dak l-ammont li l-Kunsill sab 8 snin ilu fl-ewwel leġislatura taħt it-tmexxija tiegħu

## 22.7 Panelli Blk E1;

22.7.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħet mas-supplier li kien waħħlilna l-pannelli biex ituna options differenti fejn nistgħu mmexxu dawn il-pannelli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li għadha trid tirċievi kwotazzjoni pero infurmawha li hemm spiża ta' madwar €3,000 biex jissewew biss. Meta jiġi deciz il-post ta' fejn se mmexxuhom, is-Segretarju Eżekuttiv tkun tista ġġib kwotazzjoni oħra.

Wara diversi diskussjonijiet s-Sindku Max Zammit qal biex nippruvaw nwaħħluhom fuq blokka fejn jistgħu jibbenefikaw minnhom ir-residenti iżda qal ukoll li l-problema hi kif se tagħżel blokka u mhux ohra. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ħarget bl-idea li l-pannelli

jiġu tarrif/bill off set jiġifieri l-pannelli jitwaħħlu f'post li m'hemmx għalfejn ikun viċin il-funtana iżda xorta nibbenifikaw minnhom għad-dawl tal-funtana jew għal binja tal-kunsill. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerixxa biex jitweħħlu fuq il-parti tal-bejt tal-kunsill u naraw hekk għandniex biżejjed spazju biex inżidu l-panelli.

## 22.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

22.8.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat fakkar li kellha teħel tabella li turi li hemm cctv fi Triq Giuseppe Cali kantuniera ma Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tagħha.

## 22.9 Rapporti mill-Kunsilliera;

22.9.1 Il-Kunsillier Ronnie Portelli rraporta li t-timer tad-dawl dekorattiv ta' ħdejn Blk C4 għadu ma ġiex irranġat.

Ma kienx hemm

## 22.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;

Il-laqgħa li jmiss ha ssir it-Tnejn 17 ta' Mejju fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet fis-seba u nofs ta' filgħaxija.

Konfermati llum it-Tnejn 17 ta' Mejju, 2021.

**IFFIRMATA** | **IFFIRMATA**

Max Zammit
Sindku

Yasmine Tonna
Segretarju Eżekuttiv